MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Numru. 894/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**(Spettur Carol Fabri)**

**vs**

**MARICEL TULBURI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Maricel Tulburi, 45 sena, bin Yoga u Elena nee' Pantiru imwieled Romania fis-26 ta' Settembru 1966, residenti 75, Triq San Tumas, B'Bugia detentur tal-karta ta' l-identita' 48819(A).

Gie akkuzat talli nhar il-2 ta' Settembru 2012 ghall-habta ta' 7:00pm gewwa Birzebbugia minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna

feriti ta natura gravi fuq il-persuna ta Florin-Constantin Poteras skond kif iccertifikat Dr. Kyra Camilleri MD 5332 tal-isptar Mater Dei.

Kif ukoll talli f'l-istess data. lok, hin u cirkustanzi kiser il-paci u l-ordni pubbliku b'ghajjat u glied

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (Ara fol. 39 tal-Process) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innuta li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Rat l-artikoli 214, 216, 338(m) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Maricel Tulburi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu skond l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputat, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Maricel Tulburi ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u tmienja u hamsin Ewro (Ewro 58) ammenda u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn (2) millum l-imputat Maricel Tulburi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti tordna lill-imputat Maricel Tulburi sabiex fi zmien tlett (3) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' tlett mija u hamsin Ewro u sitta u erbghin centezmi ta' Ewro (Ewro 350.46) rappresentanti spejjes inkorsi bin-nomina ta' Dr. Stefano Filletti fl-Inkjesta li l-Proces Verbal taghha jinsab esebit bhala Dok. RB1.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Maricel Tulburi l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------